**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

21 ta' Novembru, 2021

# DAWRA BIR-ROTA

Fl-ewwel Ħadd tal-Avvent, nhar it-28 ta' Novembru aħna l-Insara nibdew sena oħra tal-Knisja. Stħajlukom qed iddawru rota u li nerġgħu nibdew dawra oħra tal-liturġija.



Nagħlqu sena ta' qima lil Alla billi niċċelebraw lil Kristu bħala Sultan. Fi Kristu Sultan qisna nagħlqu pakkett ta' servizz lil Ġesù u lill-proxxmu. Matul dis-sena għaddejna minn ħafna mumenti li ħallew marka fuqna:

- Il-Covid illimitana u fl-istess ħin illiberana minn affarijiet li konna naħsbuhom ħtieġa u issa rajna li ngħaddu mingħajrhom;
- Fina l-Maltin kien hemm mumenti li ħareġ l-aħjar, bħas-servizz li taw il-frontliners. Ħareġ ukoll l-agħar f'xi wħud li użaw kliem u wettqu atti li juru sentimenti razzisti;
- Kien hemm min sab metodi ġodda ta' talb, anke bl-użu tal-Kelma ta' Alla;
- Fil-familji tagħna għaddejna minn mumenti ta' ferħ, bħat-twelid ta' tarbija u għaddejna wkoll minn niket bil-mard u l-mewt.
- Fil-komunità internazzjonali issa ntbaħna iktar minn qatt qabel li biex insalvaw id-dinja d-deċiżjoni trid tkun tal-kollettività.

Ejjew issa nħejju għall-Milied billi ngħixu l-Avvent f'atmosfera ta' talb u preparazzjoni interjuri.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**LITTLE SISTERS OF THE POOR:** nhar is-Sibt u l-Ħadd li ġejjin, 27 u 28 ta' Novembru, il-Little Sisters of the Poor ser ikunu fil-bibien tal-knisja biex jagħmlu ġabra għall-ħtiġijiet tal-opra pastorali tagħhom mal-anzjani.

**MILL-KTIEB *THE PROPHET*:** "Look about you and you shall see God playing with your children, outstrecthing His arms in the lightning and descending in rain you shall see Him smiling in flowers then rising and waving His hands in trees".

**AVVIŻI:**

**BDIL FIL-ĦIN TA' QUDDIESA:** f'dan il-Ħadd, 21 ta' Novembru, l-ewwel quddiesa ta' filgħaxija se tkun fis-6:00pm u mhux fil-5:00pm. Dan minħabba l-attività djoċesana ta' Kristu Sultan li se ssir fis-Santwarju Ta' Pinu.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** javża li nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru, se ssir quddiesa għall-benefatturi mejtin tal-Każin tal-Banda fil-Każin stess. Tibda fis-7:00pm.

**MERRY & BRIGHT:** l-adolexxenti u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru se jorganizzaw fundraising ta' apple pies, mince pies u poinsettias miċ-Ċentru stess, nhar is-Sibt 27 (mill-5:00pm sat-8:00pm) u l-Ħadd 28 ta' Novembru (mit-8:30am san-12:30pm). Huma jixtiequ jirringrazzjaw lill-benefatturi kollha li jgħinuhom biex din l-inizjattiva tkun suċċess.

**NIBŻGĦU GĦAL SAĦĦITNA:** nitolbukom tikkoperaw u żżommu man-normi li għandna sabiex titħares is-saħħa. Meta nidħlu fil-knisja għandna nużaw is-sanitizer u nilbsu l-maskra b'mod li tgħatti l-fomm u l-imnieħer.

**IL-KALENDARJU 2022 U L-KWARANTURI:** għadu kif ħareġ il-kalendarju tal-parroċċa għas-sena d-dieħla. Dan jitqassam fil-ġranet li ġejjin miż-żelaturi. Fit-tqassim issir ukoll il-ġabra għall-kwaranturi. F'każ li ma jsibukomx id-dar, tistgħu takkwistaw kopja tiegħu mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**ALUMINJU U RAM:** nirringrazzjaw lil dawk kollha li dan l-aħħar ġabulna l-metalli għar-riċiklaġġ. Il-ġimgħa l-oħra begħna l-materjal Malta u d-dħul għall-Knisja kien ta' €1,092. Grazzi speċjali lil dawk id-ditti, ħwienet u kaħħala li jikkoperaw u jġibu ram, brass u aluminju.

**TAL-GRIŻMA:** minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-katekisti u l-kandidati tal-Griżma li attendew għall-quddiesa nhar il-festa ta' San Koronatu Martri.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am